# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

4 ta' Lulju, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Joseph Bajada – kunsillier
Francesca Borg – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 56

56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 54 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 55-9;
56.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;
56.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
56.6 Komunikazzjoni;
56.7 Ħatra ta' Deputat Segretarju;
56.8 Tiġdid tal-kuntratt tal-Animal Steward;
56.9 Avvenimenti marbuta mall-festa ta' Santa Margerita;
56.10 Ilmenti u Suġġerimenti;
56.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2023;
56.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Bajada u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ma jistgħux jattendu għal din il-laqgħa minħabba mpenji personali. Il-Kunsill approva din l-apoloġija.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 54 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 55 – 9

56.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 54 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 55 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.3 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita

56.3.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-proġett ta' riġenerazzjoni fi Pjazza Santa Margerita.

56.3.2 Is-Sindku beda l-aġġornament billi qal li s-sodda tal-konkos kważi tlestiet kollha. Sfortunatament il-kuntrattur sab diffikulta faċċata tal-kazin tal-futbol, bi skoperta ta' gandott mhux fond li apparentament għandu użu ta' ventillazzjoni biex inaqqas l-umdita fil-Knisja li titla minn taħt l-art. Għaldaqstant illum stess saret laqgħa li kien hemm preżenti fost l-oħrajn il-Perit tal-parroċċa u l-Perit tal-proġett flimkien mal-kuntrattur u l-Project Manager. Il-Periti rrakomandaw biex jitneħħa l-gandott u jsir xi tip ta' plastic oħxon apposta u jinbena daqxejn ta' ċint bejn il-Knisja u l-bankina bil-konsegwenza li se titbaxxa l-bankina. Rigward il-feeder pillar fil-kantuniera tas-sagristija l-qadima, jeżisti ventilatur li għaddejjin l-wires għal ġol-Knisja biex jissuplixxu l-provista tad-dawl fil-Knisja. Saret laqgħa ma' l-Arċipriet u xi voluntiera tal-parroċċa fejn ġie ssuġġeriet li l-wire tad-dawl jitla mill-feeder pillar u jgħaddi minn fuq il-bejt tal-Knisja u jinżel minn toqba eżistenti għal ġol-distributor box biex b'hekk ikunu jistgħu jitneħħew il-wires li deħlin mil-ventilatur.

56.3.3 Sal-festa l-kuntrattur baqalu jagħmel xi xogħlijiet li jinkludu fost l-oħrajn l-konka tas-siġra l-kbira, inaddaf fejn ġej il-plancier, jagħti aċċess għad-djar lir-residenti ta' fejn il-Każin Laburista, jirranġa fejn il-ħanut tal-kantuniera fil-pjazza 'Friends to All Bar', kif ukoll isiru t-toqob tal-logħob tan-nar ta' l-art kif ukoll jġib il-blokki tal-konkos meħtieġa għal-logħob tan-nar. Barra minn hekk il-pedistall ta' San Ġuzepp qed jerġa jinbena biex eventwalment hemm il-ħsieb li titpoġġa wkoll l-istatwa u jsiru l-bonavostri. Dan ser isir kemm għal-fini estetika kif ukoll fejn tidħol aspetti ta' saħħa u sigurta u anki biex ma jkunx hemm riskju li l-istatwa jsirilha xi ħsara jekk tkun fuq iz-zuntier waqt il-festa. Il-moll tal-bonavostri flimkien mad-disinn tas-salib huma lesti u se jgħaddu għand il-kuntrattur. Il-Perit tal-kuntrattur talbet li

jkun hemm il-pjanti ta’ fejn ġejjin is-siġar u d-dimensjoni tal-konka, li skond il-botonista jridu jkunu fondi tliet piedi l-isfel.

56.3.4 Il-kuntrattur kellu l-ħsieb li jibda l-pavimentar madwar il-knisja, pero issa bl-iskoperta tal-gandott tal-ventilazzjoni għal-Knisja, se jkun hemm ftit xogħol mhux ħażin u għalhekk l-pavimentar se jibda wara l-festa. Is-Sindku rega’ saħaq li sa l-aħħar ta’ Ottubru l-proġett għandu jkun konkluż. Il-materjal wasal kollu u issa anki għal fini ta’ spazju fejn se jitqiegħed il-materjal, l-aħjar li jibdew ix-xogħolijiet ta tqejid tal-pavimentar. L-uniku parti li baqa ftit xogħol taħt l-art, huwa fejn l-istatwi l-qodma, peress li minn naħa tal-parroċċa qed jissuġerixxu li ‘service culvert’ jitwal sa fejn joħorġu l-abbatini minn naħa ta wara tad-dar il-qadima ta’ l-Arċipriet, jitwaqqa t-taraġ li eventwalment jerġa jinbena, jittaqqab pipe u jidħol ġewwa u jkun ikommunikat ma l-aerial tar-radju tal-parroċċa li jinsab wara l-Knisja.

56.3.5 Il-Kunsill permezz tal-Project Manager bgħat emajl lill-kuntrattur dwar xi xogħlijiet li baqa jsir fejn jirrigwardja s-saħħa u sigurta issa li l-festa ta’ Santa Margerita waslet. Is-Sindku tkellem mal-Perit tal-proġett rigward l-għamara tal-pjazza fejn jirrigwarda t-tender li jrid joħroġ fejn ssuġerixxa li min jieħu t-tender jagħmel sample li eventwalment jintuża għal-għamara tal-pjazza. Is-Sindku kompla billi qal li jrid jiġi deċiż liema tip ta materjal ta’ injam se jintuża għal-għamara tal-pjazza u eventwalment wasal iż-żmien li toħrog it-tender ta’ l-għamara flimkien mad-dettalji tal-‘maintenance agreement’ konċernat.

56.3.6 Is-supplier tas-siġar permezz tal-kuntrattur ikkonferma li s-siġar waslu u saqsa meta se jitħawlu. Il-Kunsill huwa tal-fehma li dawn għandhom jitħawlu fl-aħħar minħabba xi cement/konkos li jista jaqa’ fuqhom u t-trabijiet li jkun hemm sakemm jitlesta l-proġett.

56.3.7 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar l-isem ta’ “Sannat’ fid-daħla tar-raħal. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill issa għandu DNO meħtieġ li jservi madwar sentejn u issa se jitkellmu mad-direttur MGOZ biex jaraw hemmx fondi biżżejjed mil-proġett tal-pjazza biex dan isir. Is-Sindku qal li l-ħaddiema ta’ l-enemalta eliminaw il-‘high tension’ u għalhekk jistgħu jitħawlu s-siġar kif kien imsemmija fil-laqgħat preċedenti. Issemmiet ukoll d-drifting li qed issir minn numru ta sewwieqa tal-karozzi mar-roundabout tad-daħla ta’ Sannat. Is-Sindku qal li barra li nfurmaw lill-pulizija dwar dan, bħala miżura temporanja għanda titwaħħal tabella tac-CCTV u tiġi nstallata camera mal-binja ta’ l-iskola. Dan sakemm jaslu l-fondi relatati ma’ cameras tas-sigurta li l-Kunsill se japplika għalihom.

56.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva dawn il-kontijiet relatati max-xogħol tal-proġett tal-pjazza mill-laqgħa preċedenti l’hawn u li dawn se jintbagħtu lid-Direttur tal-EcoGozo (MGOZ) ġa la darba jiġu approvati mill-Kunsill. Dawn il-kontijiet huma:
Ing. Christian Cordina għal servizz ta’ Project Manager għax-xahar ta’ Mejju 2023 għall-prezz ta’ €1260.00
Ing. Christian Cordina għal servizz ta’ Project Manager għax-xahar ta’ Ġunju 2023 għall-prezz ta’ €1260.00
AIS Environment Ltd għas-servizz ta’ Archaelogical Monitoring għax-xahar ta’ Mejju 2023 għall-prezz ta’ €516.84
JK Safety Consulting għas-servizz ta’ Health and Safety Officer għax-xahar ta’ Marzu 2023 għall-prezz ta’ €305.03
JK Safety Consulting għas-servizz ta’ Health and Safety Officer għax-xahar ta’ April 2023 għall-prezz ta’ €69.03
JK Safety Consulting għas-servizz ta’ Health and Safety Officer għax-xahar ta’ Mejju 2023 għall-prezz ta’ €92.04
Il-Kunsill qabel li dawn jiġu approvati.

56.3.9

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva l-amont ta' €36087.83 għal ħlasijiet tal-AIS sa April 2023 u għax-xogħolijiet li saru biex inqalgħu u tħawlu s-siġar tal-Oleander minn Pjazza Santa Margerita.

## 56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.4.1

Is-Sindku qal li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien għamel Change Request għal estensjoni fiż-żmien sa l-aħħar ta' Diċembru 2023 mill-proġett ta' Miżura 4 għax-xogħolijiet fuq is-sala tal-Banda minn fondi ewropej taħt il-GAGF u li din ġiet aċċettata. Is-Sindku qal li issa ma tistax tiġġedded aktar u saħaq li l-proġett irid ikun lest fi żmien stipulat sa l-aħħar ta' Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew ordnati 100 siġġu għal din is-sala minn kwotazzjoni li kienet ħarġet li se jaslu sa l-aħħar ta' Lulju. Il-Kunsill għadu qed jistenna offerti li ħarġu aktar minn darba biex jibda jitwettaq dan ix-xogħol ta' rinovar. Tender li se jagħlaq fis-6 ta' Lulju u l-Kunsill ħatar lill-Viċi Sindku Galea, l-Kunsillier Tewma u l-Kunsillier Gauci bis-Sindku se jkun ic-Chairman tal-Bord flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għall-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni.

56.4.2

Is-Sindku qal li kif kien semma' fl-aħħar laqgħa preċedenti l-Kunsill ġabar kwotazzjoni marbuta mat-tindif fil-ġimgħa tal-festa inklużi l-ħaddiema assenjati mall-kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgha mal-kuntrattur biex jitfassal flimkien il-program tax-xogħlijiet meħtieġa. Din il-kwotazzjoni ta' €2,950 ġiet ippreżentata w aċċettata mill-Kunsill.

56.4.3

Is-Sindku nforma li l-Kunsill li kien talab kwotazzjonijiet biex jiġu nstallati bankijiet ġodda (tmienja) fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dawn ġew installati fix-xahar ta' Ġunju u qedin jistennew li jaslu l-Ashtrays li jikkumplimentaw mal-bankijiet installati. Barra minn hekk beda jinqata l-ħaxix ħażin ta' Triq Mġarr ix-Xini mill-ħaddiema tal-public cleansing, bil-ħaddiema assenjati mal-kunsill qed inaddfu madwar il-lokalita'. Is-Sindku rrimarka li bħalissa hemm problema rigward il-ħaddiema, bi tnejn minnhom mhumiex jirrapurtaw ghax-xogħol minħabba raġunijiet ta saħħa u ieħor li sfortunatament qiegħed jirraporta sick mingħajr raġunijiet validi.

56.4.4

Is-Sindku qal li jinsabu fis-suq kien hemm l-offerti għal xogħolijiet ta'
SNTLC07/2023 Roadworks in Ta' Sannat in a Resource efficient manner
SNTLC08/2023 Framework contract for Paving Works in Ta' Sannat
Għal dawn l-offerti kien hemm l-offerenti u l-Kunsill irid jaħtar bord għal dawn l-offerti biex jevalwa u jaġġudika. Il-Kunsill qabel li dan il-bord ikun kompost minn Chairperson is-Sindku, Segretarju tal-Bord u l-Kunsilliera Gauci, Tewma u l-Viċi-Sindku.

56.4.5

Is-Sindku qal li s-Sibt 27 ta' Mejju waqt il-festa tal-Munxar, l-Għaqda Nar l-20 ta' Lulju organizzaw attivita' fejn il-belvedere ta' Triq it-28 April 1688 fejn sfortunatament ġara inċident waqt il-ħruq tan-nar ta' l-ajru tal-festa ta' San Pawl fil-lokalita' tal-Munxar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa tkellem mas-Superitendent tal-Pulizija li aċċerta li hemm il-200 metru distanza mil-bini kif titlob il-liġi. Minħabba dan il-inċident kellu  jitqabbad l-Avukat biex jintervjeni fil-qorti u sar mandat fil-Qorti ta' Għawdex minħabba d-distanza ta' ħruq tan-nar minn żoni residenzjali. Il-mandat ġie milqugħ mill-qorti nizzjalment, pero ġie rrevokat mill-Magistrat inkwirenti mas-smiegħ fil-qorti. Is-Sindku qal li dan l-aġir kien ġustifikat għax il-Kunsill huwa l-vuċi tar-residenti tal-lokalita' speċjalment fejn tidħol is-saħħa u s-sigurta. Minkejja f'hekk, bl-ebda mod il-Kunsill ma jrid itellef jew joħloq xi pika ma' lokalitajiet oħrajn. Pero din is-sitwazzjoni għandha titkompla tiġi diskussa ħalli inċidenti bħal dawn ikunu evitati u tinstab alternattiva fejn jistgħu jinħarqu murtali kbar minn post alternattiv. Ġie rrimarkat kif il-Kunsill huwa ddiżappuntat li l-Pulizija ma waqfitx il-ħruq tan-nar dakinhar ta l-inċident fejn kien hemm rapport li xi persuni ittieħdu l-isptar. Is-Sindku semmha ukoll li l-klabb tal-futbol ta' Sannat Lions m'għamilx claim mal-kumpanija ta' l-assigurazzjoni għat-telf ta'

bookings minħabba li l-grawnd parti minnu jaqa fil-200 metru 'buffering zone' bogħod mil-ħruq tan-nar.

56.4.6

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu l-cameras f'Sannat Junction dan peress li qed isir drifting mar-roundabout li hemm. Apparti dan hemm periklu li qed joħloq inkonvenejent lir-residenti li jgħixu hemm.

56.4.7

Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat biex jiġu nstallati charging pillars. Il-kunsill kien diġa qabel li jiġu nstallati fi Triq it-28 ta' April 1688, Pjazzetta tal-Hotel Ta' Ċenċ u Triq Skerla u waħda fi Pjazza Santa Margerita u oħra fi Triq Sannat.

56.4.8

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien applika mill-iskema tal-Kultura fi ħdan id-Divizzjoni għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ibbenefika fondi ta' €18,000 li l-Kunsill kien applika għal Festa Għaġina. Is-Sindku qal li peress li din l-attivita ġiet minn skema oħra l-Kunsill Lokali se jitlob biex dawn il-fondi jintefqu f'attivita' oħra li ser issir fid-19 ta' Awwissu 2023 dik tal-Beer Festival fejn se jkunu nvoluti l-għaqdiet tar-raħal. Il-kumpanija Farsons tixtieq tkun sponsor uffiċċjali (Kinnie, Cisk u Strongbow) ta' dan il-festival b'għotja ta' €1000 (VAT eskluża) u 10% discount fuq affarijiet li jinxtraw. Il-Kunsill se jitlob lill-kumpanija biex tipprovdi t-tazzi ghal din l-attivita. Rigward l-entertainment f'dan il-festival se jkunu mistiedna l-group 'The Capitals' u Jolene Samhan. Il-Kunsill qed jistenna konkorrenza tajba għal din l-attivita'. Is-Sindku qal li l-promozzjoni ta' din l-attivita diġa bdew u se jkomplu jintensifikaw fil-jiem li ġejjin.

56.4.9

Is-Sindku qal li nhar is-Sibt 1 ta' Lulju ġiet organiżżata l-ewwel Rally mill-Għaqda Nar l-20 ta' Lulju fejn il-Kunsill ikkollabora f'din l-attivita' b'risq il-festa. Is-Sindku qal li kien hemm ħafna entużjażżmu u saħaq li l-Kunsill huwa fuq quddiem nett biex jgħin lill-għaqdiet kollha marbuta mal-festa.

56.4.10

Is-Sindku qal li nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju 2023 sar kunċert sabiħ ħafna fil-Knisja Parrokkjali bil-parteċipazzjoni ta' kor 'The Tiffin Girls School Halsbury Music' organiżżat minn JP2 Foundation.

56.4.11

Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra l-Kunsill iffirma kuntratt mall-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill se jirċievi s-somma ta' €402,616.03 biex isir riġenerazzjoni ta' Triq Xamgħan. Il-Kuntrattur Gatt lest li jibda din it-triq u l-kunsill qabel li x-xogħlijiet għandhom jibdew fl-iqsar żmien.

56.4.12

Saret talba mill-WSC fejn qed jitolbu biex jgħaqqdu l-ġibjun il-ġdid mal-ġibjun l-qadim. L-inġineer tal-korporazzjoni talab ir-rati tal-kuntratt tal-Kunsill, pero l-BOQ's li ħarġu dak inhar kienu bir-rati ta' l-2020. Is-Sindku rramarka li ħareġ framework ġdid bir-rati u talab lill-inġineer biex jistaqsi lill-kuntrattur hux kuntent li jaħdem bir-rati l-antiki bil-miktub. Sa dan it-tant is-Sindku staqsa lill-kuntrattur personali hu stess hux kuntent li jaħdem dan il-proġett b'dawn ir-rati bit-tweġiba tkun fin-negattiv. Għalhekk issa qed jistennew minn naħa tal-WSC biex jiġu bil- BOQ's ġodda

56.4.13

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex talbu biex il-Kunsill jgħati lista ta' toroq biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ minn fondi Ewropej 4.4. Il-Kunsill nformahom bi Triq Mġarr ix-Xini u anki triq ta fuqha Triq tal-Gruwa. Il-Viċi Sindku rrimarkat li xi resident ġibdilha l-attenzzjoni li nqalet xi ġebla li tikkommemora persuna li nqatel fuq il-post fejn inbnew xi ħitan tas-sejjieh li saru f'parti oħra ta' Triq tal-Gruwa. Is-Sindku qal li l-istess resident kellmu personali u marru fuq il-post fejn sabu din il-gebla qegħda fil-post oriġinali tagħha.

56.4.14

56.5 Is-Sindku qal li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill se japplika mill-iskema tad-Divizzjoni għall-Gvern Lokali dik ta' komunitajiet aktar siguri u organizzati. Is-Sindku qal li din l-applikazzjoni se tgħalaq fit-28 ta' Lulju 2023. Il-Kunsill qed jaħdem fuq l-applikazzjoni.

56.5.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

56.5.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

56.6

56.6.1 Komunikazzjoni

56.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl dwar:
Ċirkulari Numru 12/2023 – Termini u Kundizzjonijiet ġodda tal-Fond ta' Ko-Finanzjament
Ċirkulari Numru 13/2023 - Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali (A.L. 123 tal-2023) u Regolamenti tal-2023 dwar Tqegħid Temporanju ta' Caravans f'Lokalitajiet (A.L. 136 tal-2023)

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-AKL u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
12 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/038 – Compensation Scheme – Dipartiment tal-Kuntratti
12 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/039 – EUCF Webinar
16 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/040 – UEFA U19 championship Malta – Invit għar-Reġjuni
17 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/041 – Ftehim Bus Shelters May 2023
18 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/042 – Animal Welfare in Local Councils
30 ta' Mejju 2023 – Cir AKL 2023/043 – Active Ageing and Community Care – Elderly Services Application Form
01 ta Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/044 – Laqgħa Plenarja 17 ta' Ġunju 2023
01 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/045 – LESA – Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal
01 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/046 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Prinċipal Skala 11
02 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/047 – The Aġenzija Żgħażagħ Summer Programme on the Local Councils' Social Portals
02 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/048 – Notifika dwar ġbir ta' skart nhar l-Erbgħat 7 ta' Ġunju 2023
05 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/049 – Survey of locally elected politicians for the European Committee of the Regions
05 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/050 – National STEM Awards 2023
09 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/051 – Join our M.Sc. in Governance Programme at IDEA Academy – Enrol Today!
15 ta' Ġunju 2023 – ATTN: Cir AKL 2023/052 – Meeting in Gozo re. Charging pillar installations in Gozitan Localities
13 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/053 – Clean up – Ministry for Environment
13 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/054 – Summer Gala Dinner 2023
13 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/055 – Scholarship Schemes within MEYR
19 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/056 – European Health Insurance Card (EIHC) info
28 ta' Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/058 – 'Blue Hearts Campaign' Request to light up Local Councils and main building in blue – 22 - 30th July 2023

28 ta’ Ġunju 2023 – Cir AKL 2023/059 – CoastWAVE Tsunami workshop
30 ta’ Ġunju 2023 - Cir AKL 2023/060 - Local Councils which have AEDs installed in their locality
30 ta’ Ġunju 2023 - Cir AKL 2023/061 - Dikjarazzjoni għal avvenimenti temporanji
30 ta’ Ġunju 2023 - Cir AKL 2023/062 – Dancing to Dementia programme in the Community
30 ta’ Ġunju 2023 - Cir AKL 2023/063 Courses Offered by the Department of Disability
56.6.3 Studies

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn kienu dwar:
05 ta’ Mejju 2023 – ATTN: REMINDER: Cir AKL 2023/026 – European Cities Against Drugs ECAD – Mayors’ & Stakeholders Conference & Welcome Dinner – Reġistrazzjoni mingħajr ħlas
23 ta’ Mejju 2023 – Laqgħa Numru 18
25 ta’ Mejju 2023 – ATTN: Invitation re. Focus Group with Gozitan Local Council representatives on the support at Local Level of Children fleeing armed conflict – KIND REMINDER
01 ta’ Ġunju 2023 – FW: L-immaniġġjar tal-iskart
06 ta’ Ġunju 2023 – Kotba għall-Libreriji Lokali
Ir-Reġjun Għawdex bagħat invit għall-Laqgħa Nru 119 li saret nhar il-Ħamis 22 ta’ Ġunju 2023 fis-7.00 pm.
56.6.4 23 ta’ Ġunju 2023 – CoR – Kampijiet tas-sajf għat-tfal Ukreni 2023

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li mis-Segretarjat ta’ l-Onor Alison Zerafa Civelli Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali talbu li f’egħluq tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali titħawwel siġra fil-lokalita’. Il-Kunsill qabel li din titħawwel fil-Ġnien tal-Bidwi
56.6.5 f’Ottubru li ġej.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li mid-DLG nfurmaw li mir-rapport tal-Awditur dwar l-ICT qed jirrapporta li hemm nuqqas kbir tal-magni tal-EPOS u qed jindika l-benefiċċju li l-Kunsill Lokali jkollu tali magni biex ikun aktar konvenjent kemm għal Kunsill kif ukoll għaċ-ċittadin innifsu. Il-Kunsill se jitkellem iktar il-quddiem fuq il-possibilta li jkunu nstallati dawn il-magni elettroniċi. Is-Sindku qal li għandha jsir talba biex tiżied l-allokazzjoni tal-fondi biex ikopru spejjeż addizzjonali.

## 56.7

### 56.7.1 Ħatra ta’ Deputat Segretarju

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 13 ta’ Ġunju 2023, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Marion Attard irreżinjat mill-kariġa tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv ta r-riżenja tiegħu nhar it-Tlieta 27 ta’ Ġunju 2023 u l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali Ta’ Sannat hi l-Ġimgħa 28 ta’ Lulju 2023. Għalhekk il-Kunsill irid jaħtar Deputat Segretarju sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv skond il-liġi u l-proċedura. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku, Kunsillieri u lil Ħaddiema kollha kemm dawk preżenti kif ukoll dawk preċedenti li tul dawn l-aħħar kważi 29 sena li ilu jaħdem fil-Kunsill Ta’ Sannat. Is-Sindku f’isem il-Kunsillieri rringrazzjah tax-xogħol kbir li għamel u awgura lis-Sur Jason Curmi fil-kariga l-ġdida tiegħu. Huwa qal li llum il-ġurnata ix-xogħol tal-Kunsill nbidel drastikament, bi sfidi ġodda u anki l-fatt li tul dawn l-aħħar snin l-Kunsill applika għal numru ta fondi kemm lokali u ewropej u proġetti li jinvolvi ħafna u ħafna xogħol u preparamenti. Is-Sindku qal li jridu jaħdmu biex jaħtru Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm il-Kunsill ikollu Segretarju Eżekuttiv ġdid.

## 56.8

56.8.1

### Tiġdid tal-kuntratt tal-Animal Steward

Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-Animal Steward mall-Kunsill Lokali kien wasal biex jiskadi u
## 56.9 
għalhekk il-Kunsill reġa ġedded dan il-kuntratt.

56.9.1

### Avvenimenti marbuta mall-festa ta' Santa Margerita

Is-Sindku qal issa li qed toqrob il-ġimgħa tal-festa jibdew jinħarġu l-permessi tal-hawkers u li fil-fehma tiegħu dawn se jibqgħu fl-istess postijiet bħas-snin l-imgħoddija. Is-Sindku
56.9.2 semma li kull sena jkun hemm argumenti kif dawn il-hawkers se jitpoġġew wara xulxin, pero saħaq li n-nies ta' Sannat għandhom ikollhom prijorita.

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva mingħad is-Soċjeta Muzikali Santa Margerita li bħal kull sena ser isir il-kunċert annwali fil-ġimgħa tal-festa u qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill f'din
56.9.3 l-attivita. Dawn qed jitolbu €500 għar-riċeviment li jsir wara l-kunċert. Il-Kunsill qabel li din l-għajnuna tingħata.

Is-Sindku qal li l-Parroċċa għal ewwel darba din is-sena fil-festa ser torganizza Festa Tfal u jixtiequ li l-Kunsill jikkollabora f'din l-attivita fejn qed jitolbu €500. Il-Kunsill kien issuġġerija s-sena l-oħra fejn it-tfal jistgħu jiġu mħeġġa jħobbu l-festa tar-raħal u l-volontarjat li tant hu bżonn biex tkun tista tittella l-festa b'success u jtaffi l-ispejjez nvoluti. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex jingħataw dawn il-fondi bil-kundizzjoni li x-xogħol li qed jagħmel il-Kunsill Lokali jiġi rikonoxxut u li din qed issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Il-parroċċa talbu ukoll biex waqt l-ikla tal-festa l-Kunsill jaħseb għal ispejjeż relatati ma' l-entertainment tal-band 'Straight Ahead' waqt l-ikla tradizzjonali fejn hu stmat s-somma ta' €750. Il-Sindku
56.9.4 se jitkellem mal-kantant ewlieni ta' din il-band biex jinnegozja prezz mitlub. Il-Kunsilliera qablu ma dan u li jikkolaboraw.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti Sannat bħas-sena l-oħra qed jitolbu li l-Kunsill jikkollabora billi jsir feature edukattiv b'informazzjoni fuq il-festa u l-
56.9.5 lokalita' dan se jiġi jiswa €1,550. Il-Kunsillieri ddiskutew u għarfu li l-ispiza biex jittella dan il-feature mhix żgħira u għalhekk se jingħataw is-somma mitluba.

Fuq talba tar-residenti Sannatin, is-Sindku qal li l-Kunsill qed jaħdem fuq dawra bit-trejn madwar Għawdex miftuħa għal kulħadd u għalhekk se tinġabar kwotazzjoni. Xi residenti wkoll ssuġġerixxew biex l-Kunsill jibda jorganizza ħarġa/tombla għal-anzjani peress li l-azzjoni kattolika preżentement waqfet torganizza dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li dawn jistgħu jsiru darba f'xahar. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri fuq il-possibilta li l-Kunsill jorganizza ħarġa għal fiera l-kbira f'Montekristo. Il-Kunsill qabel li jara x'interess hemm mir-residenti u jimxu minn hemm. Is-Sindku semmha ukoll li din is-sena se jiġi organizzat Mr and Mrs Sannateen li hi maħsuba li jsir xi data f'Settembru, fejn il-Kunsill se jitlob fondi lill-Ministeru għal Għawdex minn skemi disponibbli. Is-Sindku qal li din taf tkun opportunita għaz-
56.9.6 żgħażagħ biex jesprimu t-talent tagħhom u jesponu l-personalita tagħhom. Għalhekk iridu joħorgu l-applikazzjonijiet meħtiega.

Is-Sindku qal li t-tiġrijiet taż-żwiemel se jsiru nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju, mis-7.30 p.m. il-quddiem bi program kollu ta' tiġrijiet ħlief it-tiġrija tal-ħmir. Ser jsir talba lill-Ministeru għal Għawdex għal-għajnuna finanzjarja biex tittella din it-tiġrija tradizzjonali. Il-Kunsill rċieva l-polza ta' l-assigurazzjonji u ser issir l-applikazzjoni ma' Transport Malta u eventwalment mal-pulizija. Ir-risk assessment diġa sar kif ukoll l-Kunsill rċieva no objection minn naħa tal-Kunsill
56.10 Lokali Victoria u x-Xewkija, dikjarazzjoni tal-perit u ta' l-isptar ġenerali, no objection tal-Veterinary Department u l-veterinarju bħala 'first aider'.

56.10.1

## Ilmenti u Suġġerimenti

56.10.2 Residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira talbet li tiġi mibdula l-bankina tar-residenza tagħha dan peress li hija mkissra u perikoluża. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

56.10.3

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward *potholes* fi Triq Saguna. Il-kunsill se jiċċekja dawn ittranġawx.

56.10.4 Resident li joqgħod fi Triq l-10 ta' Ottubru ilmenta rigward ilma li qed joħrog minn dar partikulari għat-triq. Din taqa' taħt ir-responsabilita tas-sid tal-propjeta konċernata u għalhekk għandu jsir rapport mal-pulizija.

56.10.5

B'referenza għall-ilment numru 19/2023 resident li joqgħod fi Triq l-10 ta' Ottubru ilmenta rigward l-ammont kbir ta ħamiem li hemm. Il-kunsill se jitkellem ma l-Animal Welfare.

Il-Kunsill irċieva imjel min għand persuna fejn issuġġeriet li jiġu installati *electric car chargers* fi Pjazza Santa Margerita. Hija ssuġeriet li tiġi nsallata tabella fejn turi li dak l-ispażju għandu
56.10.6 jitħalla diżponibli għal min ikun jrid jiċċarġja l-karozza u mhux biex wieħed jipparkja l-karozza. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkellem lil din il-persuna biex jirringrazzjaha tas-suġġeriment, imma responabilta tat-tabella mitluba hija ta' Transport Malta.

56.10.7 B'referenza għall-ilment numru 20/2023, residenta li toqgħod fi Triq Marsilja ilmentat rigward siġra mejta f'din it-triq fil-kantuniera tal-bankina. Is-sindku qal li din is-sigra nbidlet tliet darbiet u għalhekk trid tingħalaq il-konka u titpoġġa pot minflok.

Resident li joqgħod fi Triq Skerla bgħatt imejl rigward l-problema ta' hornets li hemm f' dawn l-akwati. Huwa spjega kif dawn jużaw it-toqob fil-pajpijiet tal-elettriku biex ibejtu jew biex jistkennu. Huwa qal li x-xewqa tagħhom hija li dawn jinstaddu biex b' hekk innaqqsu l-preżenża tal-hornets hemmhekk. Is-Sindku qal li dan għandu jkellem lill-Enemalta. Huwa tkellem ukoll rigward tabella li l-kliem m'għadux jidher. Huwa ssuġerixxa li din tiġi wiċċha
56.10.8 lejn l-irdum jew inkella issir oħra tħares lejn din id-direzzjoni, dan minħabba l-fatt li t-triq tidjieq quddiem il-farmhouse u jkun hemm min jibqa' dieħel f'din il-kanutiera għax ikun ġej isuq. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikellem lit-Transport Malta fuq din it-tabella.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward diversi ħofor fi Triq
56.10.9 Marziena li għandhom bżonn patching peress li huma perikolużi speċjalment għal minn jgħaddi bil-mutur. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

56.10.10 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-Arċipriet rigward ħaxix ħażin fuq l-bankina ta' quddiem iċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li dik il-bankina taqa' taħt il-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali, bis-Segretarju Eżekuttiv jgħid li l-ħaddiema tal-Kunsill qatgħu dan il-ħaxix.

56.10.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ fejn talab li tiġi installata mera oħra tħares l-fuq dan peress li t-traffic jinżel qrib l-bankina dejqa. Din hija importanti ukoll għan-nies mexjin f' din it-triq. Il-kunsill qabel li din titwaħħal.

B'referenza għall-ilment numru 21/2023, persuna li għandha 3 plots fi Mġarr ix-Xini u qegħdha fil-proċess li jnaddaf dawn il-plots mill-ħaxix ħażin u terrapien, jagħmel ħajt tas-sejjieħ u jinstalla gates. Huwa ilmenta rigward dgħajjes u cat house li hemm quddiem il-propjeta tiegħu fejn hu se jkun qed jagħmel l-gate il-ġdida. Huwa talab li jitnaddaf il-wied peress li l-wied huwa magħluq b'ħaxix ħażin u ma għandux aċċess għal-wied u ma jkunx jista jgħaddi bil-karozza jew bil-mixi. Huwa qed jitlob li jsir dan peress li l-karozzi qed jipparkjaw
56.10.12 fil-propjeta tiegħu u jużaw l-area bħala kamra tal-banju. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-din il-persuna biex jiċċekja b'Avukat biex jara ta' min huma s-sidien ta' l-għelieqi l-oħra u jkun jista jibni ċint diviżorju.

56.10.13

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix ħażin fi Triq Mġarr ix-Xini. Dan ma nqatax minħabba l-inizjattiva favur il-kultivazzjoni tan-naħal.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, fejn talab li tiġi rranġata Triq ġdida fi Triq Saguna sabiex it-trakkijiet tagħhom ikunu jistgħu jibqgħu jagħtu s-servizz tagħhom lir-residenti ta' din it-triq. Huwa ssuġerixxa li jitħarrek dak l-arblu li qiegħed fin-nofs peress li hu ta'ostaklu biex idawru t-trakk. Huwa talab l-għajnuna tal-kunsill sabiex tingħata l-attenzjoni meħtieġa sabiex jitkompla mingħajr periklu għal kullħadd. Il-Kunsill ma
56.10.14 jista jagħmel xejn rigward l-arblu għax qijed fi propjeta privata u anki ghal-fatt li s-sid qed jistenna li l-art tkun exproprijata. Il-Segretarju tal-kunsill għalhekk se jkellmu lill-kuntrattur biex itih spjegazzjoni li bħala kunsill ma jista jagħmel xejn fuq dan l-ilment

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Kunsillier Clayton Tewma, fejn qal li irċieva diversi ilmenti mingħand residenti rigward ħaxix ħażin li hemm mal-ħitan tas-sejjieħ fid-Daħla taċ-Ċnus. Huwa qal li fid-Daħla Tac-Cnus qed jintrema konkos illegali fuq il-ħitan tas-sejjieħ li hemm u li huma protetti bil-liġi. Huwa talab li jintbagħat pulizija biex jieħdu azzjoni fuq dawn l' atti. Is-Sindku qal li dan l-inkonvenjent tneħħa u l-ħaxix ħazin inqata. Huwa ssugerixxa li għandu jintefa xi ramel u materjal ieħor biex titwitta l-art. Diversi residenti lmentaw miegħu rigward persuna jew persuni li qed jagħmlu *drifting* fis-siegħat bikrija ta' filgħodu f'dik ir-roundabout li tagħti għal-mainroad ta' Sannat bil-konsegwenza li permezz ta' duħħan u ħsejjes li qed jiġu kkawżati mid-drifting mhux qed iħallu lir-residenti jorqdu fil-paċi. Huwa qal li r-residenti qed jitolbu għal aktar infurzar mill-awtoritajiet kkonċernati ħalli dawn l-abbużi jinqatgħu.Is-Sindku qal li hemm bzonn iktar infurzar minn naħa tal-pulizija għax il-kunsill għandu biss il-kompitu li jirraporta dawn l-abbużi. Saħaq ukoll li r-residenti għandhom jiġbru evidenza
56.10.15 meħtiega fejn hemm bzonn biex din tgħaddi lill-pulizija. Il-Kunsillier Tewma staqsa f' hiex wasal l-proċess sabiex jiġu nstallati l-sleeping police fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dawn ġew installati.

B' referenza għall-ilment numru 22/2023, resident talab li jiġi rranġat ħajt imwaqqa fi Triq ix-Xewkija dan peress li ħabtet karozza ġo fih u qiegħed ta' periklu għal-ħaddieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ permess tas-sistema tal-
56.10.16 *Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.Is- Sindku qal li hemm rapport tal-pulizija fuq dan l-inċident u għalhekk trid tintalab l-għajnuna tal-pulizija biex il-persuna konċernata tirranġa l-ħajt in kwistjoni bi spejjeż tiegħu.

Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta rigward l-ħtieġa li hemm għaż-żewġ entraturi għas-Sagristija tal-Knisja. Il-biċċa tarġa li hemm bħalissa għal kull daħla hija

56.10.17 perikoluża, għal dawk kollha li jużaw dan id-dħul. Is-Sindku qal li l-kunsill talab lill-kuntrattur kemm il-darba u qed jistenna li din tittranġa mill-aktar fis. Jekk jibqgħu ma jsirux, l-Kunsill ser iqabbad ħaddiem tal-Kunsill biex jagħmilhom.

56.10.18 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn issuġġerixxa li parti minn Triq Ta' Ċenċ u parti minn Triq Dun Xand Aquilina jibqgħu one way fejn l-karozzi jitilgħu min Triq Ta' Ċenċ u jinżlu min Triq Dun Xand Aquilina peress li t-traffiku jimxi ferm aħjar.

56.10.19 Is-Sindku ssuġġerrixxa li fi Triq il-Moxa tinżebaħ Stop Sign fl-art minflok dik fuq il-pole. Għandha ssir talba lil MGOZ permess tas-sistema tal-*Works Request System* sabiex ikun jista jsir dan.

56.10.20 Is-Sindku qal li r-residenti ssuġġerewlhu li fi Sqaq Dun Nastas, Triq Ta' Ċenċ ssir tabella Do not obstruct and No Parking. Dan għal fatt li ċertu persuna qed jimblukkaw l-entratura ta' dan is-sqaq permezz ta' parking ta' karozzi b'mod illegali.

56.10.21 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill talbu biex fil-Ġnien tal-Bidwi jiġi rranġat jew isir ġdid il-wind breaker li hemm.Is-sindku qal li ser issir evalwazzjoni ta' l-ispejjez meħtiega biex fil-kaz issir mill-ħaddiema tal-kunsill

56.10.22 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill talbu li tinxtara blower. Il-Kunsill qabel li din għandha tinxtara u għalhekk għandha tinġabar kwotazzjoni.

56.10.23 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ndividwi qed jilmentaw dwar il-boroż li qed jinġabru mill-knis fi Pjazzetta tax-Xelina biex jinġabru bit-truk tal-ħaddiema. Is-sindku qal li kuljum it-trakk li jiġbor iz-zibel jgħaddi biex jiġborhom għal ħabta tat-3.30pm

56.11 Kuntrattur talab biex titressaq bozza u jitneħħa arblu li hemm quddiem bieb ta' binja ta' appartamenti fi Triq Saguna. Is-Sindku qal li l-Kunsill se jagħmel talba lir-Reġjun t'Għawdex li taħtu jaqgħu id-dawl artificjali fit-toroq b'diskussjoni mal-Korporazzjoni Enemalta.

56.11.1

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 6/2023

56.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 6/2023 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

56.12.1

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil -4.10p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Awwissu 2023, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Awwissu 2023

Iffirmati

Philip Vella
Sindku

Iffirmati

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv